KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 20

L-għoxrin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 27 ta' Jannar 2014 fis-6.15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |
| **SKUŻAT** | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Lisa Cassar | Kunsillier |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Performance Appraisal tal-Haddiema tal-Kunsill*
6. *Tismija tat-toroq*
7. *Memo dwar Manutenzjoni tad-Dwal tat-Toroq*
8. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
9. *Aġġornament*

*Is-Sindku informa li l-Kunsilliera L. Cassar xtaqet li tinbidel id-data tal-laqgħa tal-Kunsill minħabba li kellha konferenza importanti. Is-Sindku informa li la darba ttieħdet deċiżjoni tal-Kunsill li s-seduti jibdew ikunu l-aħħar ġimgħa tax-xahar jew it-Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa jew il-Ħamis rispettivament il-ġurnata ma setgħtex tinbiddel. Is-Sindku min-naħa l-oħra informa li din tapplika għal kulħadd u m'għandux isir tibdil la darba ġew stabbiliti l-ġranet għal raġuni jew oħra.*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 17_11/12/2013.

1.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 4.1 dwar il-fuljett tal-Kunsill. Irrimarka li l-karta ma kinitx riċiklata. Kien hemm qbil li ssir korrezzjoni fil-kelma 'karta riċiklata' u tinqara 'karta FSE'. *Korezzjonjiet*

*1.3 Is-Sindku informa li kien għadu kif irċieva messaġġ mill-Kunsillier P. Portelli li ġejjin rappreżentanti minn tal-Arts Festival biex issir evalwazzjoni tal-attivita tas-sena l-oħra u ssir deċiżjoni jekk hux se ssir dan is-Sajf. Il-Kunsill qabel li din m'ghandix issir waqt din is-seduta għaliex ma kinitx fuq l-agenda.*

1.4 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall punt 5.1 u qalet li l-bidu tal-frażi trid tinqara 'fit-tarf ta' Stella Maris'

1.5 Is-Sindku ippropona li jiġu approvati dawn il-minuti 17_11/12/2013, Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-minuti 17_11/12/2013*

1.6 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 18_7/01/2014.

1.7 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irrimarkat li fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2014 kienet preżenti u mhux skużata. Saret korezzjoni. Saret korrezzjoni ukoll li Stefania Friggieri A. Principal ma kinitx preżenti għal din is-seduta.

1.8 Is-Sindku ippropona li jiġu approvati l-minuti. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti li jiġu approvati l-minuti. *Approvazzjoni tal-minuti 18_7/01/2014*

1.9 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 19_21/01/2014.

1.10 Saret korrezzjoni Stefania Friggieri A. Principal ma kinitx preżenti.

1.11 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-minuti 19_21/01/2014. Il-Kunsilliera M. Aquilina issekondat. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti għall-approvazzjoni. *Approvazzjoni 19_21/01/2014*

2. **MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall-punt 2.1 dwar Ġnien Bonello Dupuis. Il-Kunsillier J. Pillow irid jorganizza laqgħa dwar il-Funding. *Ġnien Bonello Dupuis*

2.2 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għal punt 2.2 dwar 'Tourism Board'. Is-Sindku informa li l-Bord qiegħed jiġi fformolat li fih se jkun rappreżentant hu stess, se jkun hemm rappreżentanti mill-att kummerċjali. Hemm il-ħsieb li dan jibda jopera mis-Sajf. Il-Kunsilliera jistgħu jibgħatu ideat għal kif tista tidher Tas-Sliema aħjar permezz ta' punti fuq email, fi żmien ġimgħa. Se jkunu involuti wkoll CSD U MTA. Dan il-bord se jimxi skont il-proposti tagħna u tal-Gvern Ċentrali. *Tourism Board*

*Daħlet il-Kunsilliera N. Castaldi Paris fis-6.35pm*

2.4 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar punt 2.3 dwar l-appell tal-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-avukat tal-Kunsill ipprova jgħid għax l-appellant m'appellax b'mod korett. Il-Kunsill irid jistenna sa Frar. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li dan it-tip t'appell irid jingħalaq fi żmien erba xhur. *Skart*

2.5 Il-Kunsilliera V. Galea saqsiet dwar punti 2.9 u 2.11 dwar l-armar tal-Milied jekk imxewx mal-ispecifications tat-tender. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-pagamenti qegħdin fl-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. *Armar tal-Milied*

2.6 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall-punt 4.2 u qalet li kien issema wkoll Tony Nichol għal monument. *Monumenti*

2.7 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferit għall-punt 5.4 u saqsiet jekk saritx il-laqgħa dwar RPZ. Is-Sindku qal li kienet saret laqgħa mal-Ministru Mizzi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li se toħroġ *white paper* li se jwaqqfu l-RPZ kollha u ssir xi ħaġa oħra f'area kummerċjali u jintgħażlu ammont ta' *parking bays*. Il-Kunsillier P. Radmilli talab kopja tar-rapport. *RPZ*

2.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li r-rotot il-ġodda tat-Trasport Pubbliku se jasslu l-Kunsill il-ġimgħa d-dieħla. Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa jekk il-Kunsill ġiex ikkonsultat dwar ir-rotot il-ġodda. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellhom laqgħa ma Kevin Zahra tat-TM fejn ħa ħsieb ir-rotot skont l-ilmenti tan-nies. Is-Segretarju Eżekuttiv kien ġie mitlub biex ma joħroġ ir-rotot biex jinżammu b'mod kunfidenzjali. Sadanitant is-SE talabhom formalment u għandhom jasslu l-Erbgħa. *Rotot Ġodda – Trasport Pubbliku*

2.9 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li l-Kunsill għandu jara r-rotot u jikkumenta wara.

2.10 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk dawk ir-rotot li se jippreżentaw hux se jkunu finali jew il-Kunsill ikunx fl-istadju li jista jikkumenta.

2.11 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv informa li malli jasal is-CD ngħadduh lil kulħadd.

2.12 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar Triq San Nikola. Il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta. *Tria San Nikola*

2.13 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar l-*underewater survey*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li x-xogħol ġie ordnat pero ma jafx bdewx. *Underwater Survey*

2.14 Is-Sindku informa li jkun tajjeb li t-tibdil tar-rotta kif ġiet emendata riċentament issir issa, peress li nbeda x-xogħol fil-binja tat-Tower Palace. *Tower Palace*

*Daħal il-Kunsillier J. Pillow għas-seduta fis-7pm*

2.15 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet dwar it-tender tal-*playing field*. Il-Kunsill ġie infurmat li l-Kunsill irid joħroġ tender oħra u se jingħataw il-flus lil min applika kif ukoll jiġu infurmati b'ittra. *Tender – Playing Field*

2.16 Dwar it-tenders tal-*bulky refuse* u latrini pubbliċi l-Kunsill ġie infurmat li l-applikanti ġew infurmati b'emails min intgħażel jew le u għadna fl-*appeal period.* *Tenders – Bulky Refuse u Latrini Pubbliċi*

2.17 Is-Segretarju Eżekuttiv ġie infurmat bil-miktub mis-CSD li se jieqfu mis-servizz u b'hekk mil-ġimgħa d-dieħla se nkunu bla servizz ta' Latrini Pubbliċi. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jekk filkaż navżaw lil Ministru biex nagħlquhom.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI U TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Kunsilliera M. Aquilina ġibdet l-attenzjoni dwar il-pagament ta' Fr Simon minħabba li ma kienx ikkonċelebra l-quddiesa għall-attivita minnhom ta' Għawdex u xorta ngħata 12 ewro. Il-Kunsill għandu jinfurmah.

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar pagament numru 22 pagabbli li Sean Vukovic. Il-Kunsill ġie infurmat li dan kien *duet* għall-attivita tal-Milied. *Attivita tal-Milied*

3.3 Fuq dan il-punt il-Kunsillier M. Briguglio irrimarka li għal din l-attivita kien hemm artisti li ġew imwegħda li se jdoqqu iżda waqqafhom il-Kunsillier P. Portelli. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li suppost jittellgħu Kunsill dawn l-affarijiet kif tagħmel hi flimkien mal-kumitat tagħha dwar l-organizzazzjoni tal-ħarġiet.

*Daħal il-Kunsillier P. Portelli fis-7.30pm*

3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsillier P. Portelli li l-Kunsill fil-bidu tas-seduta qabel li ma jiddiskutix l-Arts Festival illum għaliex il-Kunsill irid janalizza sew qabel ma ssir deċiżjoni. Apparti minn hekk il-Kunsill għad irid jipprepera u japprova l-budget. Il-Kunsillier P. Portelli qabel ukoll li dan is-suġġett jiġi pospost għal seduta oħra. *SSAF*

3.5 Ġew diskussi l-pagamenti tal-attivita tal-Milied. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li l-Kunsill irid ikun jaf min se jipparteċipa. Il-Kunsillier P. Portelli qal li anke hu ma kienx kuntent bil-*performances* ta' wħud mil-*bands*. Il-Kunsillier J. Pillow qal ukoll li din għanda tkun bit-tema tal-Milied għaliex il-kanzunetti li ndaqqu ma kienux tal-Milied. Il-Kunsillier P. Portelli qabel ma dan ukoll. *Attivita tal-Milied*

3.6 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal pagament 67 pagabbli lil Kenneth Darmanin Ltd dwar parti mix-xogħol li sar fil-parapett tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif tqassam ix-xogħol u kif ċertu xogħol beda jinqala għaliex meta wieħed jaqla ikun hemm xogħol li jirrekjedi xogħol ieħor u l-ispiża bdiet togħla. *Xogħlijiet fil-parapett tal-Kunsill*

3.7 Il-Kunsillier P. Radmilli qal la darba l-Kunsill talab li jsir ix-xogħol u ntalbu kwotazzjonijiet dan irid jitħallas. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kwotazzjonijiet kien hemm imma x-xogħol imbgħad beda jiżdied.

3.8 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li kellha ssir *bicycle rack* ukoll fil-parapett tal-

Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din hija xi ħaġa li tista ssir iżda informa li prijorita ta' dan il-proġett kien l-iktar biex ikun aċċessibbli.

3.9 Il-Kunsill qabel li l-pagamenti bin-numri 67, 68, 69, 77 u 113 relatati ma dan il-proġett tal-parapett jinżammu *on hold* għal aktar kjarifika.

3.10 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal pagament bin-numru 72 dwar servizz ieħor li ingħata għall-attivita tal-Milied. Is-Sindku qal li ntefqu wisq flus mil-Kunsill għal żmien il-Milied u l-anqas biss ġew rikonoxxuti għaliex kellu *feedback* negattiva mis-*Sliema Business Community* u mil-pubbliku ġenerali. Il-Kunsillier P. Portelli qal li l-Kunsill irid jagħżel jew li jkun hemm naqra allegru għal żmien il-Milied jew tiżjin jew mużika għaliex ma nistgħux nitfgħu kollox f'keffa waħda. Is-Sindku qal li fejn għamilna qlajna tajjir. *Attivita tal-Milied*

3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm bżonn li l-Kunsill ifassal budget ħalli nkunu nafu f'hiex aħna. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li hemm bżonn li jsir *finance committee meeting* għaliex għadu qatt ma sar. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jorganizza dan flimkien mal-accountant, Paul Radmilli, L. Cassar u M. Briguglio. *Finance Committee*

3.12 Il-Kunsillier P. Portelli issuġerixxa li l-kumitati jippreżentaw il-proposti b'short term fejn issir preżentazzjoni lil *finance committee*, jiġi ppreparat il-business plan u jitressq għad-deċiżjoni tal-Kunsill.

3.13 Is-Sindku qal li mil-*feedback* tar-residenti, jinħass li għakemm il-Kunsill baqa għaddej bir-rittmu tax-xogħol tiegħu, mhuwiex qiegħed jidher daqshekk. Hemm bżonn li l-Kunsill jiffoka aktar fuq proġetti li jistgħu jiġu apprezzati mir-residenti. Ġie nnotat ukoll li issa la darba ttejjeb is-servizz tal-knis il-pubbliku qiegħed jagħraf bin-nuqqasijiet oħra.

3.14 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa dwar punti 96-97 pagabbli lil Jos Vincenti u 5 Elements. Ġie spjegat li dawn huma dwar l-istess attivita tal-Milied. *Attivita tal-Milied*

3.15 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 120 pagabbli lil JGC. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn għandhom jiġu rifonduti mill-Ministeru. *JGC*

3.16 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar il-pagament 88 pagabbli lil Stella Maris u jaqbel li ma jitħallsux qabel ma jneħħu l-arbli. Kien hemm qbil dwar dan. *Arbli – Stella Maris*

3.17 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar pagament 89 pagabbli lil MCA. Ġie spjegat li dawk huma tal- WI FI ta' Qui Si Sana wkoll. *WI FI*

3.18 Il-Kunsillier P. Radmili saqsa dwar pagament numru 101 pagabbli lil Mica Med. Il-Kunsill qabel li dan jinżamm *on hold* għall aktar kjarifika.

3.19 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-pagamenti tal-uniformijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif uħud mill-istaff kellhom bżonn xi items li kellhom nieqsa. Minnflok ma nxtrat waħda ġdida għal kulhadd għaliex kienet se tiġi tiswa ħafna aktar flus. *Uniformijiet tal-istaff*

3.20 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'invoice tas-Sur Lawrence Cassar għat-tiżjin tal-Milied (din ma ġietx inkluża fl-iskeda tal-pagamenti għaliex waslet wara li ntbgħatet l-iskeda). Il-Kunsill approva li jsir dan il-pagament għaliex it-tiżjin u d-dawl ta' din l-area kien tajjeb.

3.21 Is-Sindku ippropona li jiġu approvati l-pagamenti minn barra dawk imsemmija hawn fuq għal aktar kjarifika. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti li jiġu approvati. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Il-Kunsilliera M. Aquilina irreferiet għall-laqgħa 15_8/11/2013 u infurmat li hi ma kinitx taf li kien hemm din il-laqgħa formali u kienet *short notice* u b'hekk talbet biex tiġi notifikata bħala skużata u mhux assenti. Kien hemm qbil dwar dan u għandu jsir l-istess għall-Kunsilliera V. Galea Pace. Il-Kunsilliera M. Aquilina u V. Galea Pace għandhom jingħataw il-varjanza mil-*Councillors Allowance* li kienet ġiet imnaqqsa. Is-Segretarju Eżekuttiv reġa fakkar il-proċedura dwar in-nuqqas t'attendenza għall-laqgħat tal-Kunsill u li kull kunsillier għandu jagħmel nota bil-miktub jekk ma jkunx se jattendi għaliex inkella jkollu jitniżżel bħala assenti u titnaqqas mill-allowance. *Attendenza – Laqgħat tal-Kunsill*

4.2 Il-Kunsillier P. Portelli informa li l-*Isports BasketBall Association* qegħdin jitolbu li ssir *basket ball court* taħt it-Torri. Kull ma qiegħed jintalab li l-Kunsill jagħti l-permess u mhux se jiswiħ flus. Il-Kunsillier M. Briguglio jixtieq jara l-pjanti għalkemm jaqbel ma dan il-proġett. Il-Kunsillier P. Portelli għandu jibgħat il-pjanti u l-Kunsill jgħaddi wkoll lil Perit Edward Said. *Basket Ball Court*

4.3 Is-Sindku talab lill-Kunsillier David Muscat biex jieħu r-responsabbilitajiet ta' Sports li kellu Nicolai Gauci kif ukoll jgħin fl-attivitajiet u proġetti għat-Twinning. Il-Kunsillier D. Muscat aċċetta dan. *Responsabbilitajiet – Kunsillier D. Muscat*

4.4 Il-Kunsillier P. Portelli ippropona li ssir xi attivita għal żmien il-Karnival 2014. Se jintalbu aktar kwotazzjonijiet. Il-Kunsill qabel li ssir attivita li tkun iffukata aktar fuq it-tfal, issir pjazza Sant'Anna u n-nefqa ma tkunx iktar minn Ewro 1500 li tinkludi l-flyers. *Karnival 2014*

## 5. PERFORMANCE APPRAISAL TAL-HADDIEMA TAL-KUNSILL

5.1 Il-Kunsill approva li l-istaff kollu u s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-perċentaġġ kollu tal-performance bonus.

5.2 Il-Kunsill ġie infurmat li l-kuntratt ta' Frans Debono se jiġi terminat sa l-aħħar ta' Frar, 2014.

## 6. TISMIJA TAT-TOROQ

6.1 Il-Kunsill sema lista ta' ismijiet biex jitlob lis-Street Naming Committee biex jinbiddlu ċertu ismijiet tat-toroq għal dawn in-nies kif ġej: Julian Manduca,

Tony Nichol, Lino Grech, Ferdinando Camilleri (flok Pjazza Annunzjata) u Giovani Felice. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li hu personalment iħossu skomdu li jbiddel l-isem ta' Pjazza. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li kieku hu jsaqsi lil Winston Zammit u Tony Terribile liema toroq għandhom siknifikant, u wara l-Kunsill ikun jista jipproponi. Kien hemm qbil dwar dan.

## 7. MEMO DWAR MANUTENZJONI TAD-DWAL TAT-TOROQ

7.1 Il-Kunsill ġie infurmat li fi żmien li ġej dawn se jaqgħu taħt ir-Reġjuni jiġġifieri jekk il-Kunsill jagħżel li joħroġ mit-tender preżenti u jsejjaħ għall-offerti ġodda d-Dipartiment tal-Gvern Lokali jista jwaqqaf il-kuntratt meta jrid. Il-Kunsilliera M. Aquilina u M. Briguglio ma jaqblux li noħorġu għax nieħdu *hassle* ta' xejn filwaqt li l-Kunsilliera P. Radmilli u J. Pillow jaqblu li noħorġu sakemm il-kunratt ikollu jitwaqqaf. Ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar dan.

7.2 Is-Sindku fakkar li s-sehem tal-Kunsill fir-Reġjuni se tkun waħda minn ħmistax b'hekk il-parteċipazzjoni se tkun minima.

## 8. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

8.1 Dwar Villa Boniċi il-Kunsill għandu jitlob *Development Brief*. Il-Kunsill talab ukoll laqgħa qabel il-Ġimgħa fl-10am il-MEPA qabel ma jitkompla l-proċess. Il-Kunsill għandu jitlob ukoll EIA u TIA. *Villa Boniċi*

*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skużat li jitlaq mis-seduta 9.40pm*

8.2 Is-Sindku informa li kien hemm rispons qawwi dwar it-tindif min-naħa tal-kenniesa. Mandankollu n-naħa ta' Tigne Sea Front u x-Xatt suppost qegħdin jagħmluh CSD iżda mhux qiegħed jintlaħħaq il-livell. Il-Kunsill ġie infurmat li kieku kellu jnaddfu l-Kunsill l-ispiża tiġi kkalkulata għal madwar Ewro 1340 kull xahar iktar milli diġa nħallsu. *Tindif tax-Xatt*

8.3 Il-Kunsilliera P. Radmilli u J. Pillow issuġġerew li ssir ġurnata iva u oħra le. Filwaqt li fiż-żmien is-Sajf issir kuljum. Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsilliera preżenti.

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skużat li jitlaq mis-seduta fl-9.50pm*

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Is-Seduta ntemmet fl-10.05pm. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jiltaqa nhar l-Erbgħa 5 ta' Frar 2014 fis-6m dwar it-tender tal-culverts.

Minuti approvati llum 25/04/2014

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**